

Brussell, 15 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11767/26
ADD 1

AGRILEG 186
VETER 118

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D115107/2 annex
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fir-rigward tal-lista tal-Istati Membri awtorizzati li jużaw ċerti prodotti sekondarji tal-annimali biex jagħlfu ċerti speċijiet tal-għasafar nekrofaċi, u r-rimi, l-użu u l-immarkar ta' ċerti fjuwils rinnovabbli

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D115107/2 annex.

Mehmuż: D115107/2 annex

MT

ANNESS

L-Annessi IV, VI u VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IV, fil-Kapitolu IV, fit-Taqsima 3, fil-punt 2, jiżdied il-punt (g) li ġej:

“(g) il-metodi għall-produzzjoni tal-bijodiżil minn xaħmijiet ipproċessati u mmaċinati tal-materjali tal-Kategorija 1, tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3, f’konformità mal-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, il-punti M u N, ta’ dan l-Anness, jistgħu jkunu:

(i) fil-każ tal-bijodiżil li jirriżulta mill-proċess, użat bħala fjuwil mingħajr restrizzjonijiet skont dan ir-Regolament (punt tat’ tmiem);

(ii) fil-każ tal-prodotti għajr il-bijodiżil li jirriżultaw mill-metodi:

- jintremew f’konformità mal-Artikolu 12, il-punti (a) jew (b), mal-Artikolu 13 jew mal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009,
- jintremew bi rdim f’miżbla awtorizzata,
- jinbidlu f’bijogass, dment li r-residwi tad-diġestjoni minn trasformazzjoni tal-bijogass tal-materjal tal-Kategorija 1 jiġu eliminati permezz ta’ inċinerazzjoni, ko-inċinerazzjoni jew rdim f’miżbla awtorizzata,
- użati għall-finijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 36(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.”;

(2) fl-Anness VI, fil-Kapitolu II, fit-Taqsima 2, fil-punt 1(a)(i), l-entrata li ġejja tar-Rumanija tiddaħħal fit-Tabella bejn l-entrati tal-Portugall u tas-Slovakkja:

“

Kodiċi tal-pajjiż	Stat Membru	Speċijiet tal-Annimali	
		L-isem lokali	L-isem bil-Latin
RO	Ir-Rumanija	avultun tal-ħrief	<i>Gypaetus barbatus</i>
		avultun qassis	<i>Aegypius monachus</i>

		avoltun Eġizzjan	<i>Neophron percnopterus</i>
		avultun grifun	<i>Gyps fulvus</i>
		ajkla rjali	<i>Aquila chrysaetos</i>
		ajkla imperjali	<i>Aquila heliaca</i>
		ajkla tad-denb abjad	<i>Haliaeetus albicilla</i>
		astun iswed	<i>Milvus migrans</i>
		astun aħmar	<i>Milvus milvus</i>

”;

(3) fl-Anness VIII, fil-Kapitolu V, fil-Parti 3, jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) bijodiżil prodott minn xaħmijiet ipproċessati u mmaċinati tal-materjali tal-Kategorija 1, tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3, f’konformità mal-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, il-punti M u N, tal-Anness IV.”.